***-KREDITU -***

***- PRESKRIZZJONI TA' BEJGH TA' OGGETTI MOBBLI -***

***- ARTIKOLU 2148 (B) KAP 16 -***

***- PRESKRIZZJONI TA' TMINTAX (18)-IL XAHAR -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 25**
**Citazzjoni Numru: 2026/96/RCP**

**Joseph Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Cranes and Commercial Sales Limited precedentament maghrufa bhala J Cassar Commerical Plant Sales Limited**

**vs**

**Joe Galea**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-attur nomine jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' hames mija tnejn u tlettin liri maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm532.91) bilanc tal-prezz ta' *spare parts* w ingenji lilu mibjugha u kkonsenjati (*Invoices* immarkati Dokument "B" u prospett immarkat Dokument "C"); u li ghalkemm debitament interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti; illi l-ammont huwa cert likwidu u dovut.

Illi ghalhekk l-konvenut talab sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167 *et seq.* Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12) w in vista tal-affidavit ta' l-attur nomine (immarkat Dokument "A") din il-Qorti:-

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' hames mija tnejn u tlettin liri maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm532.91) bilanc tal-prezz ta' *spare parts* w ingenji lilu mibjugha u kkonsenjati fuq imsemmija.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda, l-affidavit u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 1996 fejn il-konvenut informa lill-Qorti li hu ghandu eccezzjoni valida x'jaghti u li kien inkariga lill-Dr Joseph Sammut biex jidhirlu. L-Avukat Dr Joseph Sammut imsejjah tlett darbiet baqa' ma deherx u l-kawza giet deciza.

Rat l-atti kollha prezentati fil-kawza fl-istess ismijiet prezentata quddiem il-Qorti tal-Appell u d-decizzjoni tal-Appell tas-27 ta' Marzu 1998 fejn l-istess sentenza tal-Qorti Civili giet annullata u l-konvenut inghata 20 jum zmien biex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu quddiem din l-istess Qorti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 32 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-konvenut ma ghandu jghati l-ebda ammont kif pretiz fl-att tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi stante transazzjoni peress illi din il-magna kienet zviluppat diversi hsarat u jekk wara dan iz-zmien kollu l-attur naqas li jigbor il-magna minghand l-esponenti, dan kien nuqqas da parti tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut ma ghandux jghati l-ammont pretiz fl-att tac-citazzioni fl-ismijiet premessi *in toto* stante illi l-ammonti mitluba permezz tal-*invioces* li jgibu n-numri 8248, 8208, 3202, 8254, 8312, u 8380, huma lkoll preskritti a bazi tal-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont ta' mitt lira (Lm100) indikat permezz tar-ricevuta Nru 8248, li ggib id-data tas-6 ta' Frar 1992, tappartjeni lil terza persuna u cioe` hu l-esponent u ghaldaqstant dan l-ammont mhux dovut u ghalhekk, *se mai* jekk l-konvenut jirrizulta illi ghandu jghati xi bilanc lil attur nomine dan huwa ferm anqas u dan kif jigi ndikat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut ma ghandux jghati l-ammont pretiz stante illi, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, id-differenza ritenuta mill-bilanc tal-prezz, gie retenut u kellu jithallas biss jekk il-magna tkun tajba ghal uzu tal-konvenut u dan wara li sarulha t-tiswijiet relattivi mill-attur.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 33 tal-process.

Rat li l-kawza giet appuntata ghall-10 ta' Gunju 1998.

Rat il-verbal tal-10 ta' Gunju 1998 fejn Dr Sammut ghall-konvenut talab li jigi awtorizzat jibda bil-provi, il-Qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghas-16 ta' Novembru 1998.

Rat in-nota tal-konvenut tad-9 ta' Ottubru 1998 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 40 sa 43).

Rat il-verbali tas-16 ta' Novembru 1998 fejn Dr Sammut iddikjara li m'ghandux provi aktar, u tal-24 ta' Frar 1996 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur tal-5 ta' Marzu 1999 u d-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Marzu 1999 fejn irriappuntat il-kawza ghad-29 ta' Novembru 1999.

Rat il-verbali tad-29 ta' Novembru 1999, tad-19 ta' Jannar 2000, tat-3 t'April 2000, tal-24 ta' Mejju 2000, tat-12 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, inghata digriet tal-affidavit lill-attur ta' tlettin jum u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghall-5 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2000 fejn xehed Joseph Cassar u Dr Demarco ghall-attur talab li l-provi jigu nvertiti in vista tal-eccezzjoni tal-konvenut. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lill-konvenut biex iressaq il-provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu. Inghata digriet tal-affidavit lill-konvenut ta' erbghin jum (40) jum, u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut ghat-13 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Frar 2001 fejn l-atturi u d-difensur taghhom imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Xehed il-konvenut Joe Galea u Dr J Sammut ghall-istess iddikjara li m’ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavit lill-attur ta’ tlettin (30) jum u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici ghall-24 t’April 2001.

Rat il-verbal tal-24 t’April 2001 fejn l-attur u d-difensur taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux u peress li l-kawza kienet ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici li la dehru u lanqas ipprezentaw affidavits fit-terminu lilhom moghti, l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta’ attrici qed issostni li l-konvenut huwa debitur taghha fl-ammont ta’ hames mija tnejn u tlettin liri maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm532.91) bilanc tal-prezz ta’ *spare parts* w ingenji allegatament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Illi fil-fatt mill-provi jirrizulta li din il-kawza tikkoncerna bejgh ta’ magna ta’ *truck* li kien sar fid-29 ta’ Mejju 1992, kif

jirrizulta mill-prospett anness mac-citazzjoni attrici, liema bejgh kien sar bil-prezz ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) li minnhom kien thallas l-ammont ta' mitejn lira (LM200) li halla bilanc ta' Lm150.

Illi s-socjeta' attrici issostni li din il-magna kellha tintrama mill-istess konvenut, u ma inghatat ebda garanzija dwarha ghaliex kienet *second hand*, u l-konvenut qatt ma ilmenta dwarha u fil-fatt xtara *spare parts* ohra.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut sostna li l-ewwel *invoice* numru 8248 indikata fl-istess prospett esebit mis-socjeta' attrici ma kienitx tieghu izda kien oggett mibjugh lill huh. Pero' xtara magna Leyland 680 billi bidilha ma magna ohra, u zied tlett mija u hamsin (Lm350) bhala prezz tal-istess; pero' din il-magna ma kienitx tajba, qal lis-socjeta' attrici biha u skond hu sar ftehim li jiehu l-i*spare parts* li kellu bzonn sabiex din il-magna tahdem, kif fil-fatt hekk ghamel, pero' is-socjeta' attrici kienet xorta iggaghlu jiffirma ghall-istess konsenji ta' *spare parts.* Minkejja dan il-magna xorta ma hadmitx ghaliex bdiet twaqqa l-pressa taz-zejt u wkoll beda hiereg iz-zejt, pero' meta qal lill-Joseph Cassar b'dan qallu sabiex jibqa' jahdem biha stante li ma kellux ohra flokha. Hekk sar sakemm il-magna iggamjat. Ghalhekk reggha qal lill-Joseph Cassar u talbu sabiex jiehu lura l-magna, u baqghu hekk mis-sena 1992 fejn il-konvenut la fittxu biex jiehu l-flus li hallas lura, u l-attur ma harrikx ghall-bilanc dovut, tant li fil-fatt huwa xtara magna

ohra minghand certu Leli Cachia. Wara pero' xorta saret din il-kawza pprezentata fl-14 ta' Gunju 1996.

Illi l-konvenut ressaq diversi eccezzjonijiet ghall-kawza fuq indikata fosthom li l-istess magna kienet difettuza, u li kien sar ftehim ta' transazzjoni bejn il-partijiet li la darba l-magna kienet difettuza ma kellux issir il-hlas tal-bilanc, ghaliex dan kellu biss jithallas jekk il-magna tkun tajba ghall-uzu tal-konvenut u dan wara li jsirulha it-tiswijiet relattati mill-attur. Fuq kollox pero' l-istess konvenut ecceppixxa l-preskrizzjoni tal-konsenji indikati bl-*invoices* indikati fil-prospett esebit bhala Dokument "B" bhala numri 8248, 8208, 3202, 8254, 8312, u 8380, u dan abbazi tal-**artikolu 2148 (b) tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut"* jaqghu bil-preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar.

Illi ghalhekk din hija l-ewwel eccezzjoni li ser tigi trattata, u mill-provi prodotti jirrizulta li l-bejgh tal-oggetti indikati bl-*invoices* numri 8248, 8208, 8254, 8312, u 8380 huma lkoll preskritti, stante li mid-dati hemm indikati tal-bejgh, ilkoll bejn is-6 ta' Frar 1992 sas-27 ta' Gunju 1992, ghaddew hafna iktar minn tmintax-il xahar sad-data tal-prezentata tal-kawza odjerna fl-14 ta' Gunju 1996 u ma jidhirx li kienu atti li jinterrompu jew jiksru l-preskrizzjoni, u ghalhekk l-istess talba inkwantu tirreferi ghall-konsenji fuq indikati hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2148 (b) tal-Kap 16.**

Illi dwar dik indikata mill-konvenut bhala *invoice 3202,* din ma hija *invoice* xejn izda l-pagament akkont li sar mill-konvenut kif jidher fil-prospett Dok. “B”   a fol. 7 tal-process.

Illi jibqa’ ghalhekk l-*invoice* indikata bin-numru 05251 datata 2 ta’ April 1996, u rigward l-istess din il-Qorti thoss li din *l-invoice* bl-ebda mod ma giet oppruvata mis-socjeta’ attrici, tant li l-ebda *invoice* rigward l-istess ammont ma giet esebita. Jinghad ukoll li l-partijiet jaqblu mix-xhieda taghhom li l-unika relazzjoni li kellhom kienet rigward l-istess magna fuq imsemmija u *spare parts* relattati, u fil-fatt il-konvenut issostni b’mod kategoriku li kien ilu ma jkollu x’jaqsam mal-attur nomine mis-sena 1992.

Illi ghalhekk x’inhi din l-entrata fl-istess prospett ma jirrizultax certament mill-provi prodotti f’din il-kawza, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika relazzjoni bejn il-partijiet sehhet fis-sena 1992, u mhux wara, u ghalhekk fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-ammont ta’ Lm132.90,7 hemm indikat fl-istess prospett ma giex ippruvat mis-socjeta’ attrici li kien jikkonsisti f’xi merkanzija mibjugha; fil-fatt fil-konfront tal-istess ammont ma hemm ebda prova kwalunkwe, u ghalhekk anke taht dan l-aspett u limitatament ghall-istess ammont ta’ Lm132.90,7 it-talba attrici ma tistax tigi milqugha. Fil-fatt din il-Qorti thoss li dan ma kien bejgh xejn izda imghax fuq l-ammont bilancjali allegatament pretiz mis-socjeta’ attrici minghand il-

konvenut, li fuq gie dikjarat bhala preskritt, u anke f'din l-ipotesi t-talba attrici ghandha u qed tigi michuda.

<u>**III. KONKLUZZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut abbazi ta' l-**artikolu 2148 (b) tal-Kap 16** ghall-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) pretiz skond il-prospett immarkat bhala Dok. "B" a fol 7 tal-process ghall-entrati indikati bejn is-6 ta' Frar 1992 sas-27 ta' Gunju 1992, **tichad it-talba attrici** stante li hija preskritta *ai termini* tal-istess artikolu kif fuq inghad, u wkoll relattivament ghall-ammont ulterjuri ta' Lm132.90,7 ghall-*invoice* numru 05251 indikata fuq l-istess prospett, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma gietx ippruvata.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju 2001.**